MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 726/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**versus**

**Ronald Cutajar u Adrian Axiaq.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ronald Cutajar ta' 20 sena iben Joe u Mary nee Carabott mwieled il-Pieta' fis-6 ta' Awwissu 1978 u li joqgħod 7 Saint Michael Alley, Zabbar ID 365378 (M)

**U**

Adrian Axiaq ta' 19-il sena iben Joseph u Connie nee Caligari mwieled Pieta' fl-24 ta' Settmebru 1979 u li joqgħod 46 St Theresa Street Zabbar ID 443979 (M)

Akkużati talli matul il-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Lulju 1999 għall-ħabta tas-01.45 am ġewwa l-Qawra, limitit ta’ San Pawl il-Baħar

(a) ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta’ Mary Louise Camilleri;

(b) barra minn dan talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi tal-awtrita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Mary Louise Camilleri kontra l-volontra’ tagħha u dan bħala mezz sabiex l-istess Mary Louise Camilleri tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

(ċ) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunaw feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Mary Louise Camilleri skond kif iċċertifikat Dr Miriam Vella MD.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-istqarrijiet taż-żewġ imputati, iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom, l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali kif ukoll id-dikjarazzjoni li ma kienx hemm għalfejn jinstemgħu xhieda li diġa’ kienu nstemgħu minn din il-Qorti diversament preseduta (fol 94).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u r-risposta bil-miktub tal-abbli difensur.

**Ikkonsidrat**

5. L-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati sabiex jiġu ġġudikati skond:

l-artikolu 207 tal-Kap 9;

l-artikoli 86 u 87(g) tal-Kap 9;

l-artikolu 221 tal-Kap 9.[1]

Ikkonsidrat

6. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputati hija dik ta' attentat għall-pudur bil-vjolenza liema artikolu jgħid:

*'Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-puduer li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikolu ta' qabe lta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena.'*

7. Mill-atti jirriżulta li kienet l-allegata vittma li rrapturat il-każ lill-Ispettur Joseph Valletta. Kienet hi li tat id-dettlaji kif l-imputati daħħluha fi triq diżabatita u wieħed minnhom wegħidha li jagħtiha ċ-choker jekk hi tħallieh jagħmel dak li kien talabha. (Ara fol.21) Filfatt hija għamlet stqarrija twila dwar kif saħħew il-fatti liema stqarrija tinsab fl-atti għalkemm bħala stqarrija ta' terza persuna u mhux tal-imputati tista' sservi biss bħala mezz ta' kontroll u mhux bħala prova.

8. L-allegata vittma telgħet tixhed ukoll u tat id-dettalji tal-fatti kif bdew fir-restorant. Hija kienet żifnet u wara l-imputat Ronald Cutajar kien għamel l-offerta msemmija. Hija kienet baqgħet weħidha u meta ħarġet fil-parking aarea saabet liż-żewġ imputati fin-nofs u bdew jitolbuha twassalhom sal-karozza tagħhom. Hija kienet tellgħathom għax dehrilha li ma kien ser jiġri xejn ħażin. Huma bdew jiddiriġuha fejn għandha tmur.

9. L-imputat Ronald Cutajar qagħad imissilha xagħarha minn wara u imbaħgad bdew imissuha t-tnejn. F'ħin minnhom ħarset u rat lil Ronald mneżża' (ara fol 30) u reidet toħroġ iżda ma setgħet toħroġ b'xejn. Saħansitra tat daqqa ta' sieq fuq il-bieba. Imbagħad rat li fuq id-dashboard tal-karozza tagħha l-imputati kienu ħallew iċ-ċippa u ppruvat tieħu din iċ-ċippa. L-imputat Adrian Axiaq kien ħadilha ċ-ċwievet u allura ma setgħetx tistartja l-

[1] Ara fol 49 tal-Proċess.

karozza. Imbagħad bdiet iddoqq il-horn u bdew ineħħulha idejha minn fuq il-horn. Kien f'dan il-ħin li heddedt li taqsam iċ-ċippa u ħaditha biex ikollha xi mezz ta'prova. .

10. Irnexxielha toħroġ u ġrew warajha jitlobuha ċ-ċippa waqt li hi qaltilhom li kienet irmietha fil-ħaxix.

11. Fil-karozza l-imputati kienu missulha sidirha u ppruvaw jagħmel ħwejjeġ oħra. (Ara fol 32 għal darbtejn). Ippruvaw imissuha isfel ukoll iżda ma ħalliethomx.

12. Hija kienet marret l-għassa tal-Qawra kif ukoll fil-polyclinic tal-Mosta fejn sabu li kienet qed issofri minn gidma f'għonqha.

13. Effettivament it-Tabiba Dr.Miriam Vella ikkonfermat bil-ġurament (fol 41) li lill-allegata vittma kienet sabitlha marki ta' gidma f'għonqha n-naħa ta' quddiem u kellha xi tbenġil fuq iż-żewġ naħat ta' jdejha middle arm u kellha xi marki tas-swaba' middle arm.

14. Dawn jistgħu jitqiesu bħala ġrieħi ħfief.

**Il-Prosekuzzjoni ppreżentat żewġ stqarrijiet – waħda minn kull imputat.**

15. Skond l-istqarrija ta' Ronald Cutajar huma qatt ma kienu telgħu fil-karozza mal-allegata vittma. Huma kienu ndunaw li l-allegata vittma kienet ħaditilhom l-faċċata tal-istereo minn fuq il-mejda tar-restorant. Kien l-imputat l-ieħor li ħadilha ċ-ċavetta sabiex hija ittihom lura l-faċċata tal-istereo. Huma marru l-għassa fejn raw il-faċċata tal-istereo u spiċċaw arrestati. L-imputat ċaħad l-allegazzjonijiet li kienet għamlet l-allegata vittma fosthom dak li hemm fil-mistoqsija a fol 14.

16. Fl-istqarrija tiegħu Adrian Axiaq qal li hu dejjem barra l-karozza tal-allegata vittma kien. Huma waqqfuha u ħadulha iċ-ċwievet tal-karozza għax huma waħħlu fiha li kienet ħadet il-faċċata tal-istereo. Huwa ċaħad li kienu

rikbu l-karozza magħha jew li għamel xi att deskritt a fol 17 f'nofs il-paġina.

**Xhieda Difiża.**

17. L-imputati xehdu fil-25 ta' Frar, 2008.

18. Adrian Axiaq ikkonferma l-istqarrija li kien għamel u li kienu marru l-Għassa tal-Qawra. Huma kienu raw il-faċċata tal-istereo fuq il-bank. L-imputat innega li kellu xi choker u nnega li wegħedulha jekk tbusu. Huwa qal ukoll li ħdejn il-karozza tal-allegata vittma damu xi għaxar minuti (fol 128) Huwa nesa x'kien liebes f'dak il-jum.

19. Ronald Cutajar ukoll ikkonferma l-sitqarrija tiegħu bil-ġurament. (Fol 131) Huwa nsista li l-faċċata tal-istereo ittieħdet minn fuq il-mejda u nnega l-allegazzjonijiet li saru mill-allegata vittma. (fol 134). Huwa kompla jinnega li f'xi ħin daħlu mat-tfajla fil-karozza.

20. Carol Cutajar xehdet ikkonfermat li hija żżewġet fis-6 t'Awwissu 1999 u li kellu jmur ħuha Ronald Cutajar biex jara l-post fejn kellu jsir ir-riċeviment.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Id-difiża allegat li l-imputati kienu konsistenti f'dak li qalu kemm waqt li għamlu l-istqarrija kif ukoll meta xehdu. Min-naħa l-oħra d-difiża allegat li l-allegata vittma uriet xi inkonsistenzi.

22. Il-Qorti għamlet l-apprezzament tagħha tal-fatti u temmen il-verżjoni tal-allegata vittma u mhux tal-imputati. Inkonsistenzi żgħar u insinifikanti ta' xhud ma jfissirx li xhud m'għandux ikun emmnut kfi diġa' stabbiliet drabi oħra l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri f'każi oħrajn. Li kieku l-allegata vittma serqet il-faċċata tal-istereo, ma kenitx tmur biha hija stess l-għassa tal-Pulizija u kienet waslet hemm qabilhom. Jaqblu wkoll il-ġrieħi ħfief misjubin fuq tagħha.

23. Min-naħa l-oħra l-imputati njoraw x'ġara fil-karozza u nnegaw li daħlu mal-imputata fil-karozza. Dan il-Qorti assolutament ma temmnux. Huma setgħu kellhom mil-karozza fil-car park tal-istess restorant iżda jidher ċar li ż-żewġ imputati ma ritux lill-allegata cittma twassalhom ħdejn il-karozza iżda kellhom skopijiet oħrajn f'moħħhom.

24. Wara li kien stabbilit dan, il-Qorti trid teżamina l-artikoli tal-Liġi relevanti. Barra l-artikolu 207 ċitat aktar 'il fuq hemm is-segenrti artikoli li jorbtu miegħu.

25. Skond l-artikolu 544 tal-Kap 9

*'Ma jistgħux isiru proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata, f'ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) stupru vjolent;*
*(b) serq ta' persuna;*
*(ċ) attentat vjolent għall-pudur.*

*Iżda meta wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' xi reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendement mill-azzjoni tal-parti privata.'*

26. Barra dan l-artikolu 373 tal-Kap 9 jgħid hekk:

*'Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż;*

*Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sa bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirksotanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni* ***ex officio*** *dwar dak ir-reat.'*

27. Fl-aħħarnett l-artikolu 545 (1) jgħid:

*‘Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b’talba tal-parti privata, il-kwerelant, jista’ f’kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li jkun għamel.’*

28. Issa fil-25 ta’ Ġunju 2008, l-allegata vittma Marie Louise Camilleri xehdet hekk:

*‘Għaddew ħafna snin u rrid inwaqqa’ l-każ’*

Hija kompliet tgħid li kienet qed taħfer lill-imputati (fol 154)

29. Kif diġa’ ntqal mill-atti jirriżulta li kienet l-allegata vittma li rrapturat il-każ lill-Ispettur Joseph Valletta. Iżda mill-istess atti kienet l-imputata li write ix-xewqa li jieqfa l-proċeduri safejn jistgħu jieqfu.

30. Il-Pulizija mexxew kif suppost għaliex l-allegata vittma ma neħħitx il-kwereal fi żmien erbat ijiem iżda fl-aħħar tal-proċeduri l-allegata vittma ddeċidiet li ma tkomplix.

31. Fl-assenza ta’ xi vjolenza pubblika jew xi reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku (Ara artikolu 373 tal-Kap 9) ġaladarba l-allegata vittma rtirat il-kwerela, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mit-tielet waħda stante li offiża ħafifa wkoll tinħtieġ il-kwerela (sub-artikolu (4) tal-artikolu 221) jekk l-offiża ħafifa tkun waħda li taqa’ fis-subartikoli (1) u (3) tal-istess artikolu 221. .

32. Għalhekk jekk jibqa’ biss it-tieni imputazzjoni – dik ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali. Mill-atti jirriżulta li l-allegata vittma ma setgħetx toħroġ mill-karozza kontra l-volonta’ tagħha u jirriżulta wkoll li damet f’dan l-istat mhux ħażin. L-imputati ma kellhom ebda jedd iżommuha kontra l-volonta’ tagħha u l-iskop kien dak li jidher fis-sub-paragrafu (g) tal-ewwel paragrafu tal-artijkolu 87.

**Konklużjoni**

33. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 207, 86, 87(1)(g) u 221(1)(3)(4) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputati mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni u qed issibhom ħatja tat-tieni imputazzjoni.

34. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra l-pożizzjoni legali kif espresso fil-Kap 9, it-trapass taż-żmien, il-fedina penali nadifa tal-imputati (kif kienet dak iż-żmien) u x-xewqa espressa tal-allegata vittma biex tirrinunzja għall-proċeduri sakemm dawn kienu rinunzjabbli. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 u qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati iħallas multa ta' €500 kull wieħed. Il-multa titsta' titġallas f'rati mensili ta' 100 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallsx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------